MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 73/1999/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru, 2004 .**

**Avviz numru : 73/1999 G2(PC)**

Paul Zammit f'ismu proprju kif ukoll bhala ezercitanti l-kummerc taht l-isem Zammit Furniture .

vs

Joseph Cassar .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-attur talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigu kkundannat minn din il-Qorti sabiex ihallas is-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin liri maltin u ghoxrin centezmu (Lm529.20) rapprezentanti l-bilanc dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti ta' l-ghamara kif ukoll fuq diversi folji tal-'foam' lilu mibjugha w ikunsenjati mill-istess attur fuq inkarigu tieghek .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 7 ta' Lulju, 1999 u t-8 ta' Ottubru, 1999, u bl-imghax legali .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikoli 2148 (a)(b) u 2156 (f) tal-Kodici Civili ;

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni t-talba attrici hija nforndata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur ;

3. Illi kwalunkwe ammont li kien dovut lill-attur ghal xoghol u materjal li kien gie kkonsenjat lill-eccipjenti, kien gie saldat ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza l-attur qed jirreklama minghand il-konvenut il-bilanc allegatament dovut fuq il-prezz ta' diversi oggetti ta' ghamara u *sheets* ta' *foam* konsenjati lill-konvenut skond ma rrizulta mill-kopji ta' l-*invoices* relattivi esebiti bhala Dokti. PZ 1 u PZ 2 (a fol. 13, 14 tal-process) . Dawn, kif jidher mill-istess *invoices* u

kif jikkonferma l-attur, gew konsenjati fis-sena 1992 . L-attur spjega illi kien ghaddihom lill-konvenut sabiex ibieghhomlu *on consignment .* Il-konvenut kien sussegwentement ikkonfermalu li kien bieghhom, imma kien qed isib xi diffikultajiet dwar il-hlas, partikolarment dwar bicca ghamara, minhabba xi difetti bil-bieba . Madankollu, kompla jghid l-attur, ghalkemm offra li jirrimedja kwalunkwe difetti li seta kien hemm, il-konvenut baqa' inadempjenti u minkejja diversi talbiet ghall-hlas, baqa' ma ssaldax il-bilanc hawn mitlub .

Il-konvenut da parti tieghu kkontesta ghal kollox din il-versjoni tal-fatti ta' l-attur . Huwa jallega illi dawn l-istess oggetti kien ghaddihomlu l-attur sabiex jaghtihom il-lostru bl-ispray, billi dan ma setghax jaghmlu fil-hanut tieghu minhabba diffikultajiet mal-girien, u huwa kien ipattilu ghalihom billi jghaddilu prodotti ohrajn lesti ghall-bejgh . Allura jikkontendi li ma baqghalu jaghti xejn lill-attur .

Permezz ta' l-ewwel eccezzjoni tieghu l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(a) u (b) u dik taht l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili . L-artikolu 2148 jitratta l-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar, dik taht is-subinciz (a) dwar hlasijiet dovuti lil mastrudaxxi ghal xoghol u materjal li jfornu, bhal ma ghandna fil-kaz in ezami, u dik taht is-subinciz (b) ta' l-istess artikolu, dwar hlasijiet dovuti lil kredituri tal-prezz ta' merkanzija mibjugha bl-imnut . Dik taht l-artikolu 2156 (f) tittratta mbaghad il-preskrizzjoni ta' hames snin dwar il-hlas ta' kull kreditu iehor gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra . *Prima facie* jidher ghalhekk illi peress li dan in-negozju ta' bejn il-kontendenti jmur lura sa tnax-il sena ilu, l-azzjoni odjerna ta' l-attur li giet intavolata biss fl-1999 u cioe' seba snin wara, hija tassew preskritta taht kwanukwe wahda minn dawn l-artikoli hawn citati .

Anke jekk tigi accettata t-tezi ta' l-attur illi n-negozju ta' bejn il-kontendenti ma kienx bejgh, imma spedizzjoni ta’ merci “***on consignment***”, xorta wahda jibqa' d-diffikulta tal-prova dwar meta l-konvenut eventwalment biegh l-istess oggetti, u huwa ammess mill-attur illi dawn l-oggetti

kollha f'xi hin jew iehor inbieghu mill-konvenut lill-klijenti tieghu .

Dwar in-natura ta' dan it-tip partikolari ta' kuntratt, il-qrati taghna spjegaw illi "*il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merci on consignment huwa kuntratt mhux ta' bejgh, imma pjuttost ta' kummissjoni u ghalhekk il-kreditur ghandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbieghet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbieghitx*."[1]

Ma rrizulta li kien hemm ebda ftehim proprju bil-miktub dwar dan in-negozju . Kif gia nghad giet esebita biss mill-atturi kopja fotostatika ta' *invoice* rilaxxjata lill-konvenut dwar din il-konsenja . Fi kwalunkwe kaz pero', anke jekk il-preskrizzjoni kellha tibqa' sospiza sakemm sar il-bejgh attwali mill-konvenut, billi kienu gia lahqu ghaddew 'l fuq minn seba' snin minn meta gew mghoddija dawn l-oggetti lill-konvenut, u l-attur ma gieb ebda prova illi l-bejgh kien sar mhux aktar tard minn hames snin qabel giet ipprezentata din il-kawza, jekk niehdu l-aktar perijodu ta' preskrizzjoni favorevoli ghall-attur, u lanqas ma rrizultat ebda prova ohra sodisfacenti dwar l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, it-talba tieghu ghal dan il-hlas ma tistax tirnexxi .

Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi, filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur .
S7399Pc(inf)

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Anthony Ruggier noe. vs Francis Refalo ; Kummerc : 18.2.1965; ara wkoll Avv.. Dr. George Vassallo noe. vs Victor Caruana noe. : Kummerc: 26.4.1951 fejn tinghata spjegazzjoni dettaljata ta' dan il-kuntratt .